**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2019/2186(INI)**

20.4.2021

# OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi, drittijiet u protezzjoni soċjali għall-ħaddiema tal-pjattaformi – forom ġodda ta' impjieg marbuta mal-iżvilupp diġitali
(2019/2186(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Marianne Vind

PA_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-ekonomija tal-pjattaformi saret parti integrali u li qed tikber b'mod mgħaġġel tal-ekonomija tal-UE, li tinkludi s-setturi tat-trasport, it-twassil u t-turiżmu, u toħloq kemm sfidi kif ukoll opportunitajiet; billi l-pjattaformi tas-settur tat-trasport huma estremament diversi u jinkludu kumpaniji multinazzjonali, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u negozji ġodda li huma attivi f'ħafna Stati Membri differenti tal-UE u li għandhom il-potenzjal li jtejbu t-trasport multimodali u l-kondiviżjoni tar-riżorsi, u jiffaċilitaw iż-żidiet fl-effiċjenza u fil-produttività permezz ta' mudelli kummerċjali, prodotti u servizzi ġodda għall-ħaddiema, in-negozji u l-konsumaturi bl-istess mod;

B. billi l-industrija tal-pjattaformi kkontribwixxiet għall-ħolqien tan-negozji u għat-tkabbir tal-impjiegi, ħolqot mudelli ta' xogħol flessibbli bħal impjiegi part-time, u naqqset l-ostakli għad-dħul fis-suq tax-xogħol għal gruppi soċjali li spiss ġew diskriminati billi offrietilhom possibbiltajiet professjonali ġodda; billi l-kriżi tal-COVID-19 żiedet ir-rata ta' tkabbir ta' dan it-tip ta' mudell ta' negozju, b'mod partikolari s-servizzi tat-twassil, u enfasizzat il-kapaċità tal-ekonomija tal-pjattaformi li toħloq opportunitajiet ta' impjieg;

C. billi huma meħtieġa strateġiji ġġudikati tajjeb biex tiġi żgurata l-flessibbiltà u l-effiċjenza mitluba kemm mill-ħaddiema kif ukoll mill-konsumaturi, minn naħa, u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u prevedibbli għall-ħaddiema, min-naħa l-oħra;

D. billi l-pjattaformi wasslu għal bidliet strutturali fl-impjiegi fis-settur tat-trasport; billi dawn il-bidliet jinkludu l-espansjoni rapida tal-impjiegi indipendenti u mudelli ta' xogħol flessibbli, u jżidu l-għadd ta' ħaddiema f'impjiegi fejn mhumiex garantiti protezzjoni tas-sigurtà soċjali, kundizzjonijiet u drittijiet tax-xogħol deċenti; billi dan jikkonċerna b'mod partikolari xogħol ta' lokalizzazzjoni ddeterminat mill-pjattaforma b'livell baxx ta' ħiliet bħas-servizzi tas-sewqan u tat-twassil; billi diversi kawżi tal-qorti u deċiżjonijiet amministrattivi kkonkludew li l-ħaddiema tal-pjattaformi tat-trasport ġew ikklassifikati ħażin;

E. billi ħafna pjattaformi tefgħu l-ispejjeż soċjali fuq il-ħaddiema u l-pubbliku billi evitaw it-taxxi, il-liġijiet tax-xogħol u l-istandards kummċerjali għas-saħħa, is-sikurezza u l-ambjent b'konsegwenzi soċjoekonomiċi u individwali gravi; billi l-biċċa l-kbira tal-pjattaformi huma attivi fi Stati Membri differenti tal-UE u spiss mhumiex ibbażati fil-pajjiż fejn iseħħu l-attivitajiet imwettqa mill-ħaddiema tagħhom;

F. billi l-pjattaformi online huma soġġetti għar-regoli eżistenti tal-UE f'oqsma bħall-kompetizzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-protezzjoni tad-data personali u l-libertajiet tas-suq uniku; billi l-konformità ma' dawn ir-regoli mill-atturi kollha fis-settur tal-pjattaformi hija essenzjali biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u biex tintrebaħ il-fiduċja kemm għan-negozji kif ukoll għall-pubbliku ġenerali biex jiżguraw li jkunu jistgħu jimpenjaw ruħhom b'mod kunfidenti mal-pjattaformi online; billi għandhom jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi bejn it-trasport diġitali u l-pjattaformi tat-turiżmu u l-kontropartijiet tradizzjonali li jipprovdu servizzi simili;

G. billi hemm ħtieġa kbira għal soluzzjonijiet integrati tat-trasport ibbażati fuq firxa wiesgħa ta' servizzi, li jenfasizzaw is-sistema aktar milli l-komponenti tagħha, u billi l-pjattaformi jista' jkollhom rwol fl-iffaċilitar tal-mobbiltà bħala servizz (MaaS), il-loġistika bħala servizz (LaaS) u l-mobbiltà kollaborattiva; billi tali diġitalizzazzjoni tista' toħloq possibbiltajiet kbar biex jinħoloq settur tat-trasport sostenibbli, innovattiv u multimodali, inkluż permezz tal-innovazzjoni tat-trasport pubbliku; billi qafas li jħares 'il quddiem għall-kumpaniji tal-pjattaformi jrid jindirizza wkoll it-tħassib ambjentali u tas-saħħa potenzjali u jimmassimizza l-effiċjenza tal-mobbiltà, u billi għalhekk għandha titwettaq valutazzjoni fil-fond tal-impatt ambjentali tal-pjattaformi fl-oqsma tat-trasport u t-turiżmu, peress li m'hemmx biżżejjed informazzjoni dwar l-impatti pożittivi u negattivi tagħhom;

H. billi l-multiplikazzjoni tal-intermedjazzjoni diġitali u l-pjattaformi kollaborattivi qed tibdel radikalment it-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, b'mod partikolari permezz tal-forniment ta' servizzi personalizzati ġodda għall-intrapriżi u l-individwi, l-iżvilupp ta' trasport multimodali, il-konnettività mtejba f'żoni iżolati, il-mobbiltà urbana mtejba jew saħansitra l-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tal-fluss;

I. billi l-konnettività bla fili u fissa b'veloċità għolja hija essenzjali għall-iżvilupp ulterjuri tas-servizzi tat-trasport diġitalizzati; billi l-UE qed tistabbilixxi standards regolatorji għall-użu ta' servizzi u prodotti diġitali, kif għamlet bir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)[1] u l-istrateġija diġitali Ewropea, iżda għadha lura fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet kompetittivi għal kumpaniji u pjattaformi diġitali ġodda biex jiżviluppaw u jikbru fl-UE;

J. billi ċ-ċiklisti, li jintużaw ħafna għall-ikel jew għall-konsenji urbani b'veloċità għolja, jeħtieġu protezzjoni partikolari bħala utenti vulnerabbli tat-triq li spiss jaħdmu f'kundizzjonijiet tat-temp ħżiena u diffiċli u għalhekk għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir protettiv u assigurazzjoni kontra l-inċidenti;

1. Jenfasizza li l-vantaġġi kompetittivi ta' ċerti negozji li joperaw fl-ekonomija tal-pjattaformi fuq l-ekonomija tradizzjonali mhumiex aċċettabbli jekk ikunu bbażati fuq protezzjoni soċjali li tkun insuffiċjenti u evitar tat-taxxa; jenfasizza li, bl-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-ekonomija tal-pjattaformi u negozji tradizzjonali, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-kumpaniji tal-pjattaforma, bħal kwalunkwe kumpanija oħra, iridu jikkonformaw mal-obbligi legali kollha, inklużi dawk relatati mal-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi, soċjali, fiskali u dwar is-saħħa u s-sikurezza fl-UE u fl-Istati Membri; jissottolinja l-ħtieġa li l-politiki relatati jiġu aġġustati kif xieraq fejn meħtieġ biex jitrawmu kundizzjonijiet ekwi bejn il-pjattaformi online u l-mudelli kummerċjali tradizzjonali li joperaw fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu; itenni li s-servizzi kollha tat-trasport iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE relatata mas-settur tat-trasport;

2. Jistieden lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, toħroġ bi strateġija biex tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin għall-ħaddiema tal-pjattaformi billi tallinjahom, fejn meħtieġ, ma' dawk ta' impjegati standard jew li jaħdmu għal rashom, b'rispett sħiħ

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

għad-diversità tal-mudelli tas-suq tax-xogħol nazzjonali, l-awtonomija tas-sħab soċjali, il-kompetenzi nazzjonali, u l-opportunitajiet u l-flessibbiltà pprovduta mill-ekonomiji tal-pjattaforma; ifakkar lill-Kummissjoni tieħu approċċ olistiku biex issolvi l-isfidi relatati mal-ħaddiema tal-pjattaformi bħall-istatus tal-impjieg, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-sigħat tax-xogħol prevedibbli, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u d-djalogu soċjali, filwaqt li tqis id-diversità tal-ekonomija tal-pjattaformi;

3. Jenfasizza li l-ħaddiema kollha għandu jkollhom aċċess għall-protezzjoni soċjali u għas-saħħa u s-sikurezza xierqa, inkluż tagħmir protettiv u assigurazzjoni kontra l-inċidenti, irrispettivament mit-tip ta' xogħol li jagħmlu; għalhekk jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2019/C 387/01[2] dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom u lill-Kummissjoni biex tqis il-ħaddiema tal-pjattaformi fil-qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-2021-2027;

4. Jistieden lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jikkunsidraw il-ħtieġa għal definizzjonijiet ċari ta' pjattaformi online u ħaddiema li jaħdmu għal rashom u jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fil-valutazzjoni ta' karatteristiċi differenti tax-xogħol biex jiddeterminaw l-istatus tal-ħaddiema tal-pjattaformi b'mod li jiżgura kundizzjonijiet verament ekwi fost il-pjattaformi u bejn il-pjattaformi u s-suq tax-xogħol standard, u jippermetti l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda u innovattivi filwaqt li jiżgura kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, fl-istess ħin, jikkunsidraw soluzzjonijiet transfruntiera innovattivi, effettivi u ta' benefiċċju soċjali, pereżempju l-ħolqien ta' xi tip ta' sistema diġitali transfruntiera li tiġbor kontribuzzjonijiet mill-attivitajiet professjonali tal-ħaddiema tal-pjattaformi u tittrasferixxi dawn il-kontribuzzjonijiet lill-professjonist tas-sistema tas-sigurtà soċjali nazzjonali, u b'hekk jiġu żgurati l-kopertura u l-protezzjoni soċjali neċessarji għall-pajjiż speċifiku;

6. Jenfasizza l-ħtieġa għat-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni fil-pjattaformi tat-trasport, tat-twassil u tat-turiżmu, speċifikament fir-rigward tal-algoritmi li jaffettwaw is-servizz, l-allokazzjoni tal-kompiti, l-ipprezzar, il-gradazzjoni, il-klassifikazzjoni u s-sistemi ta' premjazzjoni, ir-reklamar u s-sigurtà tad-data;

7. Jilqa' l-innovazzjonijiet sinifikanti fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali, li saru integrali għall-mudelli tan-negozju u t-teħid tad-deċiżjonijiet tal-kumpaniji tal-pjattaformi u jfakkar li l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fuq il-pjattaformi għandu jħares is-saħħa, is-sikurezza, il-privatezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi; jenfasizza l-importanza tas-sorveljanza umana tad-deċiżjonijiet maniġerjali u d-dritt tal-ħaddiema li jappellaw id-deċiżjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li tafda aġenzija eżistenti rilevanti fil-livell tal-UE b'mekkaniżmi ta' monitoraġġ, infurzar u sanzjonijiet sabiex tiżgura s-sorveljanza u l-konformità regolatorja għas-sistemi ta' intelliġenza artifiċjali użati fil-pjattaformi tat-trasport jew tat-turiżmu;

8. Jenfasizza l-importanza li l-ħaddiema jkollhom aċċess għad-data, id-dritt għall-portabbiltà tad-data u l-interoperabbiltà tad-data bejn il-pjattaformi f'konformità mal-

[2] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1.

GDPR u jħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-Artikolu 88 tiegħu biex jissalvagwardjaw l-interessi leġittimi u d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema tal-pjattaforma;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkoopera mal-Istati Membri li jiżviluppaw proġetti nazzjonali maħsuba biex jiġbru, jaħżnu u janalizzaw settijiet ta' data imparzjali relatati mal-prattiki tal-impjieg fid-diversi segmenti tal-ekonomiji tal-pjattaformi tat-trasport u t-turiżmu sabiex jidentifikaw l-aħjar prattiki fl-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol u mudelli ta' xogħol flessibbli u jindirizzaw kwistjonijiet eżistenti tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-livell nazzjonali u tal-UE;

10. Jenfasizza l-importanza li jissaħħaħ id-djalogu soċjali permezz ta' rappreżentanza xierqa tal-ħaddiema kollha tal-pjattaforma; jistieden lill-Kummissjoni twettaq reviżjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, wara konsultazzjoni u kollaborazzjoni estensivi mas-sħab soċjali u tan-negozju sabiex tiżgura li l-ħaddiema tal-pjattaformi jiksbu aċċess għal negozjar kollettiv reali jew forom ekwivalenti ta' djalogu konsistenti mal-mudelli tas-suq tax-xogħol nazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jirratifikaw il-konvenzjonijiet rilevanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u jsaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema tal-pjattaformi biex jorganizzaw lilhom infushom fit-trejdjunjins u jinvolvu ruħhom f'negozjar kollettiv;

11. Jenfasizza li l-garanzija tar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema hija komponent essenzjali ta' politika tat-turiżmu sostenibbli; jissottolinja r-rwol dejjem aktar importanti tal-pjattaformi diġitali u l-ġbir tad-data fl-attivitajiet turistiċi; jenfasizza, għalhekk, ir-rwol fundamentali tal-ġbir tad-data dwar il-ħaddiema tal-pjattaformi fit-twettiq ta' proġetti ta' turiżmu realment sostenibbli li jiżguraw li l-investimenti fit-turiżmu u l-impjiegi jkunu ta' benefiċċju għall-komunitajiet lokali u għall-ħaddiema, filwaqt li tiġi ffaċilitata d-distribuzzjoni ġusta tal-profitti;

12. Ifakkar li n-nisa jikkostitwixxu biss 22 % tal-ħaddiema fl-industrija tat-trasport u jirrappreżentaw ukoll minoranza ta' ħaddiema tal-pjattaformi fl-industriji tat-trasport u t-turiżmu, u li evidenza aneddotali li tindika li l-ħaddiema tal-pjattaformi nisa fl-industrija tat-trasport għandhom kundizzjonijiet ta' impjieg u xogħol eħżen minn dawk tal-kontropartijiet maskili tagħhom;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw u jinkoraġġixxu lill-kumpaniji tal-pjattaformi jiżviluppaw perkorsi ta' taħriġ u żvilupp professjonali sabiex iwessgħu l-għażliet professjonali tal-ħaddiema tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa ta' taħriġ obbligatorju regolari dwar is-sigurtà u taħriġ speċifiku fis-setturi tat-turiżmu u t-trasport, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti u l-aspettattivi tal-konsumaturi u jiġi żgurat li l-pjattaformi online u l-ħaddiema tal-pjattaformi jaġixxu b'mod responsabbli partikolarment fir-rigward ta' aspetti relatati mas-sikurezza, is-sigurtà, is-saħħa, il-protezzjoni tal-privatezza u l-forniment ta' informazzjoni preċiża; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu inċentivi għall-karrieri diġitali u jevalwaw mill-ġdid l-edukazzjoni biex jagħmluha adatta għall-era diġitali, filwaqt li jiffokaw il-politiki u l-inċentivi fuq it-tħejjija taż-żgħażagħ għal impjiegi futuri fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu;

14. Jirrimarka li l-pandemija tal-COVID-19 żiedet b'mod sinifikanti r-rata ta' tkabbir tal-pjattaformi tat-trasport u tal-konsenja u wasslet għal żieda fl-għadd ta' ħaddiema tal-

pjattaforma f'dawn l-industriji; jirrikonoxxi li l-ħaddiema tal-pjattaformi fis-setturi tat-trasport u tat-turiżmu huma esposti għal riskji għas-saħħa u s-sikurezza u għalhekk jeħtieġ li jkunu mgħammra b'tagħmir protettiv adegwat; jenfasizza li l-pandemija tal-COVID-19 uriet il-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni soċjali bħall-aċċess għal-liv minħabba mard u l-protezzjoni kontra l-qgħad; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u l-pjattaformi tat-trasport u t-turiżmu jiżguraw il-protezzjoni soċjali u s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema tal-pjattaforma li jwettqu kompiti ta' trasport matul il-pandemija attwali tal-COVID-19.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 15.4.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 39<br>–: 9<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Marco Campomenosi, Ciarán Cuffe, Johan Danielsson, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Gheorghe Falcă, Giuseppe Ferrandino, Mario Furore, Søren Gade, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Elena Kountoura, Julie Lechanteux, Peter Lundgren, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Giuseppe Milazzo, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Tomasz Piotr Poręba, Dominique Riquet, Dorien Rookmaker, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Henna Virkkunen, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo, Roberts Zīle, Kosma Złotowski |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Leila Chaibi, Clare Daly, Maria Grapini, Roman Haider, Jutta Paulus, Marianne Vind |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 39 | + |
|---|---|
| ECR | Peter Lundgren, Tomasz Piotr Poręba, Roberts Zīle, Kosma Złotowski |
| ID | Marco Campomenosi, Roman Haider, Julie Lechanteux, Philippe Olivier, Lucia Vuolo |
| NI | Mario Furore |
| PPE | Magdalena Adamowicz, Gheorghe Falcă, Jens Gieseke, Marian-Jean Marinescu, Giuseppe Milazzo, Cláudia Monteiro de Aguiar, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Barbara Thaler, Henna Virkkunen, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska |
| Renew | José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Dominique Riquet |
| S&D | Andris Ameriks, Johan Danielsson, Giuseppe Ferrandino, Isabel García Muñoz, Maria Grapini, Rovana Plumb, Vera Tax, István Ujhelyi, Marianne Vind, Petar Vitanov |

| 9 | - |
|---|---|
| NI | Dorien Rookmaker |
| The Left | Leila Chaibi, Clare Daly, Elena Kountoura |
| Verts/ALE | Ciarán Cuffe, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Tilly Metz, Jutta Paulus |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni